# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 11**

**Avviz numru 1682/00/SM**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Balzan sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Kurt Galea Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt lira (LM500.00,0) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi,**

**rapprezentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-2 ta' Lulju 2000 fl-Airport, Gudja, bejn il-vettura numru KRT 444 misjuqa minnu u proprjeta' ta' Victor Galea Pace u l-vettura numru BAO 051 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat Jospeh Balzan, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

2. **Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 t'Ottubru, 2000 u tal-ittra ufficjali presentanta kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tieghu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi filwaqt li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni x'aktarx gara tort ta' l-eccipenti, huwa qed jikontesta l-ammont tad-danni pretizi mis-socjeta' attici ghax dawn huma manifestament ezagerati u zgur mhux relatati mal-hsara zghira atwalment sofferta mill-assikurat tas-socjeta' attrici;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat ukoll in-nota tas-socjeta' attrici datata t-12 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha rriduciet is-sorte originarjament mitluba fl-avviz fuq indikat ghall-mitejn lira Maltin u zewg centezmi, (LM200.02,0);**

**Rat in-nota tal-konvenut datata l-15 ta' Novembru tas-sena 2001 li permez taghha ammetta t-talba fl-avviz kif ridotta ghas-somma ta' mitejn Lira Maltin u zewg centezmi, (LM200.02,0), eccetto l-kap ta' l-ispejjez;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet limitatament ghall-kap ta' l-ispejjez;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi t-tezi tal-konvenut li jopponi li jigi akkollat bil-kap ta’ l-ispejjez fi procedura li fiha s-socjeta’ attrici, sua sponte irriduciet il-kwantum tat-talba taghha b’erbghin (40) fil-mija timmerita s-sostenn stante li s-socjeta’ attrici hi attrezzata bizzejjed biex tevita indikazzjonijiet erronei bhal dawn;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi li in vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenut rigward ir-responsabbilita’ tieghu ghall-incident awtomobilistiku de quo:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Kurt Galea Pace unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ mitejn Lira Maltin u zewg centezmi, (LM200.02,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Kurt Galea Pace biex ihallas lis-socjeta’ attrici nomine l-ammont hekk likwidat u in vista tas-suespost tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**